-

19 ta’ Novembru 2009

Ref. 5/194/04

**Minuti tat Tkomplija tal-Laqgha Nru. 34**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola, nhar it-Tlieta 17 ta’ Novembru 2009, Paola. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghall-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, u il-Vici Sindku Borg, l-Kunsillier Dalli, il-Kunsillier Lynch. Il-Kunsilliera Ebejer, l-Kunsillier Borg Myatt kien skuzat. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivan Richard Sciberras. Is-Sindku Dominic Grima ippressjeda din il-Laqgha.

**4) Lista pendenti tal-Kunsilliera.**

Item 4.1 - Il-Kunsilliera Ebejer tixtieq li naghmlu fee biex tigi mikrija s-sala ghat-taghlim ta’ Ispanjol u ghal Pipe Band biex jibdew juzawh tlett darbiet fil-gimgha b’xejn.

4.12 - Is-Sindku qal li l-ewwel naraw kemm il-darba irriduha u kemm jigih spejjes il-Kunsill biex idahhal bniedem ghassa mal-Kunsill qabel niehdu xi decizjoni fuqha.

4.13 - Is-Segretarju qali li biex tibda tinghata is-Sala trid issir mozzjoni minhabba li kien hemm decizjoni tal-Kunsill li s-Sala ma tinkeriex bi flus.

4.14 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-item ghandha tigi diskussa f' Agenda ohra bl-ispejjez kollha involuti halli naghmlu policy.

4.2 – Il-Vici Sindku xtaq li jibda jkollna ronda ta' Wardens biex naqtghu il-hmieg tal-Kliieb fil-gonna madwar Paola. Il-Membri tal-Kunsill qablu li jkellmu is-Supretendet tal-ghassa biex jibghat imqar Puluzija fil-ghodu Bejn 6.00am sat-8.00am u filghaxija wara 6.00pm.

4.21 – Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ukoll biex jibaghat Puluzija fi Triq Il-Qalb ta' Gesu u Triq it-Tarzna minhabba li dawn it-Toroq qeghdin jinghalqu waqt it-tqassim tal-Hobz mil-fran fit-8.00pm u waqt l-iskola fis-2pm. Il-Kunsill ma aprovaw li ghandna nibghatu warden wara l-ifran tal-Hobz minhabb li nkunu qeghdin nostakolaw il-Kummerc fil-Lokalita. Il-Membri tal-Kunsill qabdu lill-Kunsillier Dalli biex jitkellem mal-Wardens biex jara jistghux jibghatu warden fil-hin tal-iskola.

Item 4.3 –Il-Kunsilliera Ebejer staqsiet kif bqajn fuq il-progett tal-Ground artificjali f' San Alwigi. Is-Segretarju tal-Kunsill qal li l-permessi ghali wahhlu il-mepa ghal- approvazzjoni minhabba li jrid issir allignment ta' Triq.

Item 4.4 – IL-Kunsillier Seychell qal li jixtieq li tinkiteb ittra lill-Ministru George Pullicino rigward ir-roundabout ta' Sare biex niccekjaw jekk nistghux nirrangawha bis-sponsorship.

Item 4.5 – Il-Kunsillier Seychell irrid li ssir handicap ramp fi Triq Santa Monika fejn l-Ispizerija. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.6 – Il-Kunsillier Seychell staqsa meta ha jitwahhlu il-Bins tal-Klieb. Is-Segretarju qal li fil-gimghat li gejjien ha jitwahhlu ghaliex bhalissa qeghdin jaghmlu is-sinjali il-haddiema.

Item 4.7 - Il-Kunsillier Seychell staqsa meta jista il-Kunsill jiltaqgha mas-Sotto Kumitat tal-Pjazza. Is-Sindku qal li ghandna nghidulhom jigu nofs siegha qabel il-Laqgha tal-Kunsill biex niddiskutu maghhom.

Item 4.8 – Item il-Kunsillier Lynch staqsa fuq il-Bus-Shelters x'gara minnhom . Is-Sindku qal li ser nergu niktbulhom ta' l-ahhar biex forsi jitwahhlu. Il-Kunsillier Borg Myatt qal li hu u l-Kunsillier Lynch ilhom ghal zmien twil jigbdu l-attenzjoni fuq dawn ilusShelter ghax mhux gejjien qatt.

Item 4.9 – Il-Kunsillier Seychell qal biex niktbu l-MFA biex jinfetah Gnien Shrieber nhar ta' Sibt biex jipparkajaw il-karozzi go fih.

Item 4.10 – Is-Segretarju qal lill-Kunsill biex jifthiem data meta ha jsir il-ftuh tal-Progett ta' Stubaldeka biex issir flimkien mal-Ministeru. Is-Sindku qal li se jaghmlu kummissjoni hu Il-Kunsillier Dalli u l-Onorevoli J. Azzzopardi biex jifthiemu fuq minn ser jigi invitat ghal din l-okkazzjoni.

Item 4.11- Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinxtara dome camera halli titwahhal fejn il-Progett ta' St Ubaldeska biex ma jsirx vandalizmu . Il-Membri tal-kunsill approvaw.

Item 4.12 – Is-Sindku qal li ser tinzera sigra ghan-nom tal-Perit Lawrence Mintoff li kien hu li pjanta dan il-progett bhala sinjal ta ' komemmorazzjoni lejh. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.13 - Is-Sindku qal li Triq St Ubaldesa u Triq it-Tamuntana ghandhom issiru one-way. Is-Segretarju qal li l-kunsill li dn trid taghdi mill-ADT l-ewwel biex issiru one- ways dawn it-toroq.

Item 4.14 – Il-Kunsillier Seychell talab li jsiru Floodlights godda f' Wied Blandun. Is-Segretarju qallu li issa nohorgu kwotazzjoni lin-Nexos u lill-Enemalta.

Il-Kunsillier Borg Myatt gibed l-attenzjoni tal-Kunsill kollu li hawn lista twila hafna ta' items issa darba ohra ser jkollna minuti twal minhabb ali ser ikollna hafna materji konessi ma dawn li qeghdin insemmhu .

Item 4.15 – Is-Sindku ressaq ghal approvazzjoni irrangar ta' 2 bandli tat-tfal u see-saw u dawl gdid ghal bandli ta' Triq Ninu Cremona Il-membri tal-Kunsill approvaw li jinxtraw. Il-Kunsillier Lynch qal li l-ewwel ghandna ngibu l-permessi kollha mil-Mepa biex ma naghmlu xejn illegali.

Item 4.16 - Is-Sindku ghadda ghal approvazzjoni l-irrrangar tal-Balavostri tal-Pjazza minhabba li kien accident iehor go fihom. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.17 - Is-Sindku talab biex tinxtara zebgha biex tinghata lid-direttur tal-Hab halli jizboh ic-Cint ta' hdejn l-Entratura tal-Habs. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.18 - Is-Sindku issugerixxa li tinghata donazzjoni ta' €100.00 lill-Kappillan ghal familji fil-Bzonn ghal gabra li ser issir nahr il-Hadd 22 ta' Novembru 2009. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.19 – Is-sindku talab il-Kunsill biex l-assistenza tal-Avukat tal-Kunsill fil-Kawza li fetah kontra il-Kuntrattur tal-Pjazza. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.20 – Is-Segretarju talab lill-Kunsilliera biex jiftehmu data halli jsiru l-interviews ghall-part-time clerks. Is-Sindku qal li ser jikommunika mal-Bord tal-ghazla bit-ttelefon biex jideciedu data.

Item 4.21 – Il-Kunsillier Seychell ofra li jitla Catania biex iggib stima ta' affarijiet li nistghu nixtru ghal bandli. Il-Membri tal-Kunsill ma approvawx minhabba li harget sejha ta' Interes ghal Kumpanija hawn Malta.

Item 4.22 - Il-Kunsillier Seychel xtaq ukoll Li niktbu l-Enemalta u li St John Ambulance biex ma jibqux jipparkjaw madwar il-Pjazza. Il-Membri tal-Kunsill approvaw.

Item 4.23 – IL-Kunsillier Seychell  qal li Kunsill ghadu ma iltaqax mas-Sotto Kumitat ghal Pjazza. Is-Sindku qalu biex jaghmel laqgha maghhom nofs siegha qabel il-Laqgha tal-Kunsill li jmiss halli jkun il-Kunsill kollu li ser jiltaqa maghhom.

Item 4.24 – Is-Sindku ried li jigi sospiz il-Kuntratt ta-Tender tal-Knis biex fih indahlu li Street Sweeper. Is-Segretarju tal-Kunsill inform lill-Kunsil li din il-haga ma tistax issi ghax tmu kontra il-Ligi tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku talab vot fuqha. Il-Vot ma ghadiex b'sit voti kontra wiehed ghalhekk it-Tender Document ser jibqa kif hareg ghal Pubbliku.

**5) Laqgha Vis- A Vis ic-Centenarju**

Il-Kunsilliera talbu li ssir laqgha mal-Kappillan ghaliex fil-Ktieb li hareg hgac-Centenarju ma sehma xejn il-Kunsill li ser jissponsorja l-Attivita. Il-Membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill ghandu jinghata rikonnoxximent daqs kumpaniji ohra li taw l-isponsor ghal din l-attivita.

Is-Segretarju avza li l-Kunsill qieghed ikun ilegalli jekk ma jaggornax u jiddeciedi il-hin u l-gurnata tal-Laqgha li jmiss.

Il-Laqgha giet maghluqa fis-9.45pm.

Approvati Illum ___________

| | |
|---|---|
| ___________ | ________________ |
| Kevin Borg | Dominic Grima |
| Segretarju | Sindku |